Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' April 2016
(OR. en)

7920/16

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2012/0011 (COD)**

VOTE 18
INF 61
PUBLIC 20
CODEC 450

## NOTA

| | |
|---|---|
| Suġġett: | • Riżultat tal-vot<br>• Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)<br>– Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill<br>– Eżitu tal-proċedura bil-miktub konkluża fit-8 ta' April 2016 |

L-eżitu tal-vot dwar l-att leġislattiv imsemmi hawn fuq hu mehmuż ma' din in-nota.

Dokument ta' referenza:

5419/16

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-06.04.2016

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispjegazzjonijiet tal-vot huma annessi għal din in-nota.

General Secretariat of the Council

| | |
|---|---|
| Institution: | **Council of the European Union** |
| Session: | |
| Configuration: | |
| Item: | **2012/0011** (COD) (Document: **5419/16**) |
| Voting Rule: | **qualified majority** |
| Subject: | Regulation of the European Parliament and of the Council on the protection of natural persons with regard to the processing of personal data and on the free movement of such data, and repealing Directive 95/46/EC (General Data Protection Regulation) |

| Vote | Members | | Population (%) |
|---|---|---|---|
| ↑ Yes | 27 | | 98,31% |
| ↓ No | 1 | | 1,69% |
| Abstain | 0 | | 0% |
| Not participating | 0 | | |
| Total | 28 | | |

Sitting date: **08/04/2016**

Final result

↑

| Member State | Weighting | Vote |
|---|---|---|
| BELGIQUE/BELGIË | 2,21 | ↑ |
| БЪЛГАРИЯ | 1,42 | ↑ |
| CESKÁ REPUBLIKA | 2,05 | ↑ |
| DANMARK | 1,11 | ↑ |
| DEUTSCHLAND | 15,93 | ↑ |
| EESTI | 0,26 | ↑ |
| ÉIRE/IRELAND | 0,91 | ↑ |
| ΕΛΛΆΔΑ | 2,13 | ↑ |
| ESPAÑA | 9,12 | ↑ |
| FRANCE | 13,04 | ↑ |
| HRVATSKA | 0,83 | ↑ |
| ITALIA | 12,07 | ↑ |
| Κ΄ΥΠΡΟΣ | 0,17 | ↑ |
| LATVIJA | 0,39 | ↑ |
| LIETUVA | 0,57 | ↑ |
| LUXEMBOURG | 0,11 | ↑ |
| MAGYARORSZÁG | 1,94 | ↑ |
| MALTA | 0,08 | ↑ |
| NEDERLAND | 3,37 | ↑ |
| ÖSTERREICH | 1,69 | ↓ |
| POLSKA | 7,47 | ↑ |
| PORTUGAL | 2,04 | ↑ |
| ROMÂNIA | 3,90 | ↑ |
| SLOVENIJA | 0,41 | ↑ |
| SLOVENSKO | 1,06 | ↑ |
| SUOMI/FINLAND | 1,08 | ↑ |
| SVERIGE | 1,92 | ↑ |
| UNITED KINGDOM | 12,73 | ↑ |

** When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (16 MS) accounting for at least 65% of the population*

*For information: http://www.consilium.europa.eu/public-vote*

**ANNESS 2**

DIKJARAZZJONIJIET

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li saret bidla għall-proposta inizjali tagħha permezz tat-tħassir tal-premessi 136, 137 u 138 relatati mal-acquis ta' Schengen. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li b'mod partikolari rigward il-viżi, il-kontroll tal-fruntieri u r-ritorn, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen għall-erba' Stati assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' dan l-acquis.

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill u l-finalizzazzjoni tan-negozjati. Ir-Repubblika Ċeka appoġġat in-negozjati b'mod attiv u kostruttiv u tapprezza li ġew solvuti ħafna kwistjonijiet, bħar-relazzjoni ma' ftehimiet internazzjonali eżistenti jew it-tisħiħ tal-kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza.

Madankollu, ir-Repubblika Ċeka għadha serjament imħassba dwar diversi kwistjonijiet.

L-ewwel nett, ir-Repubblika Ċeka mhix konvinta li l-applikazzjoni tar-Regolament fir-rigward tal-kontrolluri f'pajjiżi barranin ser tkun effettiva biżżejjed. Dan jista' jwassal għal sens falz ta' sigurtà min-naħa taċ-ċittadini Ewropej.

It-tieni nett, ir-Repubblika Ċeka jiddispjaċiha li d-Direttiva eżistenti ġiet segwita mill-qrib wisq. Bħala eżempju, il-kategorija ta' każ b'każ ta' "data personali sensittiva" ma setgħetx tiġi sostitwita b'aktar dipendenza sistemika fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, minkejja li s-sensittività reali tad-data personali u l-ħtieġa ta' protezzjoni li tirriżulta jistgħu jvarjaw skont l-ipproċessar.

It-tielet nett, ir-Repubblika Ċeka hija mħassba dwar il-limiti massimi tas-sanzjonijiet amministrattivi meta kkombinati ma' reati definiti b'mod vag. Barra minn hekk, billi jirreferu kemm għall-ammont fiss kif ukoll għall-ammont ibbażat fuq is-saħħa ekonomika, liema minnhom ikun l-ogħla, il-multi amministrattivi jaffettwaw terġa' aktar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li spiss ikunu l-ixpruni tal-innovazzjoni.

Ir-raba' nett, ir-Repubblika Ċeka jiddispjaċiha li l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju mhux invokat b'mod aktar estensiv u li ċerti rekwiżiti jimponu piżijiet amministrattivi u piżijiet oħrajn fuq il-kontrolluri u l-proċessuri.

Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Ċeka tqis li l-perijodu ta' adattament huwa qasir wisq, minħabba li ħafna liġijiet iridu jiġu evalwati u emendati fejn meħtieġ.

## Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jappoġġa l-ftehim ta' sistema ġdida tal-protezzjoni tad-data biex jiġi pprovdut qafas armonizzat fl-UE kollha. Ir-Renju Unit ser juża d-diskrezzjoni disponibbli għall-Istati Membri biex jimplimenta r-Regolament lokalment b'mod xieraq.

Ir-Renju Unit iqis li l-abbozz ta' Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data fih obbligi taħt l-Artikolu 48 relatati mar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi, li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fl-Artikolu 48, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn fit-Trattati, f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll 21, ir-Renju Unit ma eżerċitax id-dritt tiegħu li jieħu sehem u mhux ser ikun marbut b'dawn id-dispożizzjonijiet.

## Dikjarazzjoni mir-Repubblika tas-Slovenja

Ir-Repubblika tas-Slovenja tappoġġa l-ftehim ta' sistema ġdida tal-protezzjoni tad-data.

Ir-Repubblika tas-Slovenja tqis li l-protezzjoni tad-data għandha primarjament tiġi ttrattata bħala dritt tal-bniedem individwali.

Għaldaqstant, ir-Repubblika tas-Slovenja tixtieq ittenni l-pożizzjoni tagħha li l-Istati Membri jibqgħu jżommu s-setgħat tagħhom li jiżviluppaw aktar il-protezzjoni tad-data personali sabiex jistabbilixxu standards ogħla skont il-Karta, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-kostituzzjonijiet nazzjonali.

Barra minn hekk, għandna nirrivalutaw jekk l-interessi leġittimi ddikjarati tal-kontrolluri tad-data humiex drittijiet tal-bniedem – kif ukoll kostituzzjonalment konformi.

**<u>Dikjarazzjoni mill-Awstrija</u>**

L-Awstrija dejjem ippruvat tikkontribwixxi għal regolament dwar il-protezzjoni tad-data li jirrispetta d-drittijiet fundamentali u li fl-istess ħin jieħu kont tal-interessi tan-negozju. Fil-passat kien possibbli li jinstabu soluzzjonijiet xierqa għal għadd ta' kwistjonijiet. Madankollu, minkejja sforzi intensivi u estensivi mill-Presidenzi u l-Awstrija, xi kwistjonijiet importanti baqgħu ma ġewx solvuti (ara wkoll id-dikjarazzjonijiet preċedenti tagħna 1384/15 u 5455/16 ADD 1 REV 1). Għaldaqstant, meta jitqies kollox, l-Awstrija jiddispjaċiha li mhijiex f'pożizzjoni li tapprova t-test ta' kompromess finali kif propost.

Il-livell tal-protezzjoni tad-data taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data f'ċerti aspetti ma jilħaqx dak provdut mid-Direttiva attwali dwar il-Protezzjoni tad-Data 95/46/KE u l-implimentazzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data. Mhuwiex possibbli li jiġu 'kkumpensati' dawn in-nuqqasijiet fid-dritt tal-UE permezz tal-liġi nazzjonali minħabba l-fatt li l-att legali huwa maħsub li jieħu l-forma ta' regolament. Fuq kollox, dan jikkonċerna l-punti li ġejjin:

- <u>Attivitajiet privati fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali mhumiex inklużi fl-ambitu tal-protezzjoni mogħtija mir-Regolament ('eżenzjoni domestika'; Premessa 18 u l-Artikolu 2(2)(c)</u>

  Ma kienx possibbli li tissolva b'mod sodisfaċenti l-problema fundamentali li l-użu privat ta' data jista' wkoll jaffettwa u jikser id-drittijiet fundamentali ta' oħrajn.
- <u>Ir-Regolament ma jilħaqx il-livell attwali ta' protezzjoni tad-data fl-Awstrija fis-settur privat billi jneħħi r-rekwiżit li jiġi ppruvat li l-interessi tal-kontrollur 'jieħdu preċedenza' fuq l-interessi tal-kunfidenzjalità tas-suġġett tad-data (Artikolu 6(1)(f))</u>

  Matul in-negozjati l-Awstrija ripetutament enfasizzat li hija ma tistax taċċetta l-formulazzjoni u l-interpretazzjoni tal-interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data. Fil-fehma tagħna, is-sempliċi preżenza ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-data – mingħajr ma jkun hemm rekwiżit sabiex dawk l-interessi jitkejlu fid-dawl tal-interessi ta' kunfidenzjalità tas-suġġett tad-data – ma tistax tiġġustifika l-ipproċessar tad-data.

Madankollu, l-intenzjoni attwali li l-interessi jingħataw valur ugwali tippromwovi trattament bħal dan fil-prattika. Din tqiegħed fi żvantaġġ lis-suġġett tad-data f'sitwazzjoni bħal din, minħabba li l-oneru li jiġi ppruvat interess aktar importanti jitqiegħed fuq is-suġġett tad-data u b'mod ġenerali jwassal għal inċertezza legali. Għalhekk, l-għan għandu jkun li jiġi żgurat li jekk ser jiġi permess xi effett fuq id-drittijiet fundamentali, l-interess tal-kontrollur fl-ipproċessar għandu b'mod ċar ikun aktar importanti mill-interessi ta' kunfidenzjalità tas-suġġett tad-data. Is-sistema proposta issa, li tibqa' orjentata biss lejn l-eżistenza ta' interess leġittimu tal-kontrollur, li barra minn hekk ma għandux għalfejn ikun aktar importanti minn dak tas-suġġett tad-data, ser twassal għal tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni, minħabba l-applikabbiltà diretta tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, u għalhekk huwa inaċċettabbli għall-Awstrija.

- <u>Ċirkomvenzjoni tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop permezz ta' regoli mhux ċari dwar il-possibilità ta' ppro ċessar ulterjuri tad-data għall-hekk imsejħa finijiet 'kompatibbli' (Artikoli 5 u 6)</u>

  Fil-fehma tagħna, il-problema bażika ta' din id-dispożizzjoni hija li rikors lejn l-argument ta' 'kompatibbiltà' għandu jkun miftuħ mhux biss għall-kontrollur li jiġbor id-data għall-ewwel darba ('l-istess kontrollur'), imma wkoll għal kull kontrollur ieħor f'katina (potenzjalment infinita) tal-ipproċessar.

- <u>Il-possibbiltà ta' restrizzjoni ta' prinċipji ġenerali tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, bħall-ekwità, il-legalità jew il-proporzjonalità mill-Istati Membri jew l-UE</u>

  L-Artikolu 23 jistipula kondizzjonijiet li skonthom il-leġislatur tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru jista' jirrestrinġi l-applikazzjoni ta' ċerti drittijiet u obbligi taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Dan id-dokument jagħmel referenza pjuttost vag għall-Artikolu 5 (prinċipji ġenerali), li jippermetti wkoll eċċezzjonijiet għal dawn il-prinċipji. Huwa l-fehim tagħna, madankollu, li l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-data jridu japplikaw fil-każijiet kollha koperti mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, biex b'hekk m'għandha tkun possibbli ebda eċċezzjoni. Il-prinċipji ġenerali jinkludu prinċipji bħal 'ekwità', 'legalità' jew 'proporzjonalità'. Peress li aħna tal-fehma li m'għandux ikun possibbli li jiġu ristretti l-prinċipji bażiċi nfushom, insibu li din il-formulazzjoni mhix aċċettabbli.

- Il-possibbiltà ta' trasferiment ta' data barra mill-pajjiż abbażi tal-interess leġittimu tal-kontrollur

  L-eżenzjoni fl-Artikolu 49(1) li tippermetti t-trasferiment ta' data lil pajjiż terz sempliċiment abbażi ta' interess leġittimu aktar importanti tal-kontrollur mhijiex aċċettabbli għall-Awstrija lanqas. De facto, din ir-regola tpoġġi d-deċiżjoni li tiġi ttrasferita data lil pajjiż terz fil-parti l-kbira għad-diskrezzjoni tal-kontrollur, mingħajr ebda intervent minn qabel mill-awtorità superviżorja. Għaldaqstant, il-fatt li l-kontrollur jista' jkollu interess li jittrasferixxi data barra mill-pajjiż m'għandux jikkostitwixxi bażi legali xierqa għat-trasferiment.

  Għalkemm l-ambitu tal-eżenzjoni tnaqqas minħabba r-restrizzjonijiet addizzjonali reċenti imposti fuqu (dmir li jiġu infurmati l-awtoritajiet ta' superviżjoni, il-limitazzjoni għal każijiet individwali, li tkun tikkonċerna biss għadd limitat ta' suġġetti tad-data, eċċ.) dan għadu mhux ċar.

- Il-possibbiltà li jitressaq ilment quddiem l-awtorità superviżorja, filwaqt li fl-istess ħin jittieħed il-każ quddiem il-qorti

  Minn naħa, ser ikun possibbli li jitressaq ilment quddiem l-awtorità superviżorja (taħt il-liġi amministrattiva) u fl-istess ħin jinbdew proċedimenti ġudizzjarji fl-istess kawża. Fil-fehma tagħna dan l-approċċ fuq żewġ binarji propost jagħti lok għal bosta problemi – pereżempju, b'rabta ma' res judicata. Għadu mhuwiex possibbli li jitqiesu l-konsegwenzi prattiċi kollha ta' din id-dispożizzjoni.

---